MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1049/1993/1

**Perit A.I.C. Anthony Spiteri Staines**

**v.**

**Avukat Dottor Kevin F. Dingli nominat b'digriet tat-13 ta' Novembru 1991, kuratur deputat sabiex jirraprezenta s-socjetajiet esteri Hopewell Holdings Limited, Slipform Engineering Limited u Tileman (S.E.) Limited.**

**Il-Qorti:**

Din hi decizjoni fuq rikors ta’ appell intavolat mill-konvenut nomine minn digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta’ April 2004, li permezz tieghu dik il-Qorti cahdet it-talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali.

Din il-Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tal-lum u wara li ezaminat l-atti kollha, tosserva qabel xejn li l-ewwel Qorti kienet pjenament gustifikata meta irrimarkat dwar il-mod xejn etikament korrett u leali lejha li l-Avukat Dottor Kevin Dingli mexa bih meta, wara li r-rikors tieghu ghal differiment gie michud, qabad u ghazel li ma jidhirx ghall-udjenza tat-30 ta’ Marzu 2004, bil-konsegwenzi kollha li din l-assenza tieghu kellha fuq l-andament tal-kawza.  Din il-Qorti b’ebda mod ma tista’ tittollera agir simili.

Kwantu ghall-kwistjoni tac-cahda tat-talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali, din il-Qorti, wara li, kif inghad, ezaminat l-atti kollha u senjatament il-mistoqsijiet li saru lill-Perit Tekniku l-A.I.C. David Pace u r-risposti ghalihom, billi jidher minn dawn il-mistoqsijiet u t-twegibiet li t-talba kienet gustifikata, tilqa’ l-appell, tirrevoka d-digriet tat-13 ta’ April 2004, in kwantu cahad it-talba ghall-hatra ta’ periti perizjuri, u tidderigi lill-ewwel Qorti biex tghaddi ghall-hatra ta’ l-istess periti.

Spejjez bla taxxa, b’dan li l-ispejjez tar-registru jithallsu mill-appellant.

Il-Qorti tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni konformement ma’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------